MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 30/1985/1

**Josephine Fiorini, Edith Buttigieg u Renald F. Buhagiar.**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur :

Illi b'ittra ufficjali tas-6 ta' Mejju 1985, l-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Att dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, Numru 1 tal-1983 innotifika lill-esponenti b'kopja ta' Risoluzzjoni tal-Parlament tal-4 ta' Lulju 1983 li tirrgwarda diversi arei ghall-Izvilupp tal-Bini, flimkien ma' pjanta tal-area tal-Imsida, mil-liema area in effett l-esponenti ghandhom

indivzament bejniethom bicca art jew ossia interess fuq bicca art.

Illi in realta' l-esponenti ghandhom sehem fl-art maghrufa bhala "Ta' Sghatan" fl-area tas-Swatar fl-Imsida ta' cirka erbgha (4) tumoli, liema art ippreveniet lill-esponenti bil-mod sussegwenti, cioe:

- L-esponenti Josephine Fiorini wirtet is-sehem indiviz taghha flimkien ma' huha Charles Buhagiar, li miet fil-15 ta' Marzu 1934 (ara kopja tad-denunzja nru 1175/34 Dok A) u li kien halla l-uzufrutt tal-imsemmija art lil martu Helen Buhagiarli mietet fil-31 ta' Mejju 1969 (ara kopja tad-denunzja nru 3033/69 Dok B1 u denunzja nru 3034/69 Ara Dok B2);
- L-esponenti l-ohra l-ahwa Renald F. Buhagiar u Edith Buttigieg, li ghandhom sehem indiviz flimkien mal-esponenti Josephine Fiorini wirtu l-porzjon taghhom minghand missiehom Charles Buhagiar li miet fit-13 ta' Jannar 1980 (ara kopja tad-Denuunzja 1765/80) Dok C);
- L-imsemmija esponenti Josephine Fiorini u l-mejjet Chalres Buhagiar wirtu s-sehem taghhom minghand missierhom Antonio Buhagiar kif fuq indikat;
- L-imsemmi mejjet Antonio Buhagiar wiret dina l-art minhghand Marianna Buhagiar li mietet fl-1901 kif jidher mill-kopja tat-Testment taghha (hawn anness u mmarkat Dok D);

Illi ghalhekk ir-rispettivi kwoti mill-art inparola spettanti lill-esponenti huma ta' nofs (1/2) indiviz lill-esponenti Josephine Fiorini u ta' kwart (1/4) indiviz kull wiehed lill-esponenti Edith Buhagiar u Renald F. Buhagiar;

Ghaldaqstant ghall-finijiet tal-Att Nur. 1 tal-1983, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu (1) jiddeciedi l-jedd tal-esponenti fuq jew l-interess taghhom fl-art in parola (2) jiddeciedi u jistabilixxi l-ammont ta' kumpens li ghalih ghandhom il-jedd l-esponenti u (3) tordna u tikkundanna lill-intimat

Kummissarju tal-Artijiet ihallas lill-esponenti dak il-kumpens hekk likiwdat minn dan il-Bord;

Bl-ispejjes;

Semgha l-provi;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti kienet deciza minn dan il-Bord fis- 6 ta' Marzu, 2006 u ghalhekk din hija sentenza dwar it-tieni u t-tielet talba ravvizati fir-rikors promotur;

Illi in sostenn tat-talba taghhom, ir-rikorrenti ressqu ix-xhieda ta' perit arkitett li ddikjara li skond hu l-art in kwistjoni ghandha valur ta' hamsa u ghoxrin elf u tmien mitt liri maltin (llum ekwivalenti ghall-sittin elf u sebgha u disghin euro u tlieta u tmenin centezmu).

Illi l-membri teknici tal-Bord  assenjati sabiex jassistu u jiffurmaw parti minn dan il-Bord, wara li hadu konjizzjoni tax-xhieda u dokumenti mressqa ikkonkludew illi l-ammont ta' kumpens ghall-art de quo ghandu jkun ta' hamest elef mija erba u disghin euro u hamsin centezmu, liema konkluzzjoni tinsab fir-relazzjoni tal-istess periti akkluza u formanti parti minn din is-sentenza;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens dovut mill-intimat lir-rikorrenti fl-ammont ta' hamest elef mija erba u dsighin euro u hamsin centezmu u konsegwentement jordna lill-istess intimat ihallas lir-rikorrenti dan l-ammont fi zmien tletin jum mil-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------